MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

**MAGISTRAT DR.
GABRIELLA VELLA**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2013

Rikors Numru. 301/2012

**xxx**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikorsipprezentat minn xxx quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, in segwitu trasferit quddiem dan it-Tribunal, permezz ta' liema jitlob li tigi mahfura l-penali amministrattiva ta' €900 imposta fuqu mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u konsegwentement li jigi lilu refuz l-ammont ta' €900 li tnaqqas mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud mir-*refunds* dovuti lilu;

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors ossia ittra indirizzata mir-Rikorrent lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud datata 19 ta' Lulju 2010 u r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud datata 1 ta' Awwissu 2011;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud permezz ta' liema fl-ewwel lok jippremetti li skond il-Legislazzjoni Sussidjarja 406.03, Avviz Legali 19 ta' l-1999, huwa ma huwiex obbligat li jwiegeb ghal Rikors li huwa biss referenza lill-Bord, bil-kuntrarju ta' meta jircievi kopja ta' Rikors fuq il-Formola A kif hemm fir-regola 11 ta' l-imsemmija Legislazzjoni Sussidjarja, izda jhoss li ghall-ahjar intendiment tal-Bord hemm il-htiega li tigi sottomessa r-Risposta relattiva, u fil-mertu jopponi ghat-talbiet tar-Rikorrent u jitlob li l-istess jigu michuda, bl-ispejjez kontra tieghu, stante li: (i) huwa baghat zewg ittri lir-Rikorrent datati 14 ta' Novembru 2009 u 28 ta' Novembru 2009 u waslu ghand ir-Rikorrent fid-19 ta' Novembru 2009 u fil-31 ta' Dicembru 2009 rispettivament, u dan a bazi ta' l-Artikolu 53(b) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta; (ii) l-attività ekonomika tar-Rikorrent hija ta' distributur tal-halib, liema prodott huwa klassifikat bhala ikel mal-Partita 1(b) tat-Taqsima 5 tal-Hames Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta u l-bejgh tal-halib huwa meqjus bhala ezenti bi kreditu ai termini tal-Partita 9 tat-Taqsima I tal-Hames Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta; (iii) f'e-mail datata 29 ta' Frar 2010 Martin Grech fil-kapacità tieghu ta' Manager Finance & Administration, Malta Dairy Products Ltd., ikkonferma li l-imsemmija kumpannija tbiegh il-halib lid-distributuri u mhux thallas kummissjoni fuq il-bejgh; (iv) fil-kors ta' l-investigazzjoni, ir-Rikorrent gie mistoqsi ghalfejn mhux qed jiddikjara l-bejgh tieghu fid-denunjzi tat-taxxa u huwa wiegeb li dan kien zball genwin min-naha tieghu; (v) fid-dawl ta' dan il-fatt giet imposta penali amministrattiva fuq il-perijodi ta' taxxa elenkati fir-Rapport ta' l-Ispettorat; u konsegwentement (vi) it-talba ghall-ammont dovut hija gusta u jisthoqqilha konferma;

Ra d-dokumenti kollha annessi mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud;

Sema' x-xhieda tar-Rikorrent moghtija waqt is-seduta tas-27 ta' Novembru 2012[1], ix-xhieda ta' Charles Deguara

[1] Fol. 13 u 14 tal-process.

moghtija waqt is-seduti tas-27 ta’ Novembru 2012[2] u tal-21 ta’ Marzu 2013[3] u ra d-dokumenti esebiti minnu *animo ritirandi* markati Dok. “CG1” u Dok. “CG2” a fol. 28A tal-process, u sema’ x-xhieda ta’ Roderick Vella[4] u Chris Spiteri[5] moghtija waqt is-seduta tal-21 ta’ Marzu 2013;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni, li kjarament gew istitwiti ai termini ta’ l-Artikolu 44(k) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta’ Malta[6], ir-Rikorrent jitlob li jigi dikjarat li l-penali amministrattiva ta' €900 imposta fuqu mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghandha tigi mahfura u li konsegwentement l-ammont ta' €900 li l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud naqqaslu mir-*refunds* dovuti lilu ghandu jigi refuz. Ir-raguni in bazi ghal liema r-Rikorrent javvanza t-talbiet odjerni tirrizulta b’mod car mill-ittra datata 19 ta’ Lulju 2010 indirizzata lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u annessa mar-Rikors promotur. F’dik l-ittra r-Rikorrent jikkontendi li *further to your e-mail dated 5-7-2010, sent by Mr. Roderick Vella A at V.A.T. department please note that after several meetings with the person mentioned above and after submitting all the information requested by him, I was fined €900. It is important to note that this information was correct for the V.A.T. department, still I was fined because when I submitted my V.A.T. returns instead of writing the amount of money which I received from the M.D.P. (Malta Dairy Products) I wrote: <u>all sales on a commission basis issued annually by M.D.P.</u>, this was from: 1995 up to 2009.* ***Had my attention been drawn before all these years, I could***

[2] Fol. 15 sa’ 17 tal-process.
[3] Fol. 19 sa’ 22 tal-process.
[4] Fol. 23 sa’ 26 tal-process.
[5] Fol. 27 u 28 tal-process.
[6] “Jekk tqum xi kwistjoni, li ma tkunx stima, dwar: (k) l-imposizzjoni ta’ kull penali amministrattiva, hlief meta imposta bhala rizultat ta’ stima, dik il-kwistjoni tista’ tigi riferita lit-Tribunal (originarjament lill-Bord ta’ l-Appell dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud) minn kull persuna li turi ghas-sodisfazzjon tat-Tribunal li ghandha interess dirett f’dik il-kwistjoni jew mill-Kummissarju.”

***have corrected my V.A.T. Return submitted by myself when it was brought to my attention***[7].

Mix-xhieda ta' Charles Deguara, prodott bhala xhud mir-Rikorrent, moghtija waqt is-seduti tas-27 ta' Novembru 2012[8] u tal-21 ta' Marzu 2013[9], jirrizulta li l-istess Rikorrent ghandu lanjanza ulterjuri fil-konfront ta' l-agir tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u partikolarment fir-rigward tal-fatt li l-Kummissarju unilateralment naqqas is-somma ta' €900 mir-*refunds* dovuti lilu mid-Dipartiment bil-konsegwenza li l-bilanc tieghu mad-Dipartiment gie jaqra *nil* u b'hekk ma setax jibbenefika mill-koncessjoni moghtija mill-istess Dipartiment u jhallas 20% tal-penali amministrattiva imsemmija u jaghlaq il-kwistjoni hemmhekk.

It-Tribunal josserva però li fir-rigward ta' din il-kwistjoni partikolari r-Rikorrent ma ressaq ebda talba relattiva ghaliha jew marbuta maghha fir-Rikors tieghu u ghalhekk Huwa prekluz milli jindirizzaha u jikkunsidraha f'dawn il-proceduri. B'hekk din id-decizjoni u l-konsiderazzjonijiet pertinenti ghaliha se jkunu limitati biss ghar-raguni u konsegwenti talbiet esposti mir-Rikorrent fir-Rikors tieghu, u cioè jekk ir-raguni ghall-mahfra tal-penali amministrattiva imposta mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud kif esposta fl-ittra tar-Rikorrent datata 19 ta' Lulju 2010 tikkostitwixxix skuza ragjonveoli ghall-mahfra ta' l-istess multa u konsegwentement l-ammont ta' €900 li gie mnaqqas mill-Kummissarju ghandux jigi refuz jew ahjar *reversed* a favur ir-Rikorrent.

Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, illum Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), jopponi ghat-talbiet tar-Rikorrent u jikkontendi li l-istess ma ghandhomx jigu milqugha in kwantu l-penali amministrattiva in kwistjoni giet imposta fuqu ghaliex **huwa naqas milli jiddikjara l-bejgh tieghu fid-denunzji tat-taxxa**[10]. Fir-Risposta tieghu l-Kummissarju jikkontendi wkoll li essendo dawn

[7] Enfasi tat-Tribunal.
[8] Fol. 15 sa' 17 tal-process.
[9] Fol. 19 sa' 22 tal-process.
[10] Para. 5 tar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Enfasi tat-Tribunal.

proceduri ta' referenza intavolati permezz tal-Formola B – il-Formola utilizzata fiz-zmien meta gew istitwiti dawn il-proceduri – ma kellux l-obbligu li jirrispondi ghalihom kif huwa invece l-kaz meta jircievi appell fuq il-Formola A – li kienet il-Formola utilizzata fil-kaz ta' appelli minn stimi. Ghal kull buon fini jigi osservat li din l-ahhar kwistjoni llum ma ghadhiex rilevanti u pertinenti stante li ai termini ta' l-Artikolu 8 tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, meta kopja tar-Rikors li bih titressaq referenza quddiem dan it-Tribunal tigi notifikata lid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) huwa ghandu fi zmien perentorju ta' ghoxrin gurnata jipprezenta r-Risposta tieghu ghal tali Rikors. B'hekk il-kwistjoni centrali fil-kaz in ezami tibqa' dwar jekk il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud kienx gustifikat f'li jimponi l-penali amministrattiva ta' €900 fuq ir-Rikorrent u konsegwentement li jnaqqas dan l-ammont mir-*refunds* dovuti lill-istess Rikorrent jew inkella hemmx skuza ragjonevoli li ghandha twassal ghall-mahfra ta' dik il-penali amministrattiva u ghall-konsegwenti refuzjoni jew ahjar *reversal* ta' dak l-ammont a favur ir-Rikorrent.

Il-fatti pertinenti ghal dan il-kaz huma piuttost semplici: ir-Rikorrent huwa distributur tal-halib, liema prodott huwa meqjus bhala ezenti bi kreditu skond il-Partita 9 tat-Taqsima I tal-Hames Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Partita 1(b) tat-Taqsima 5 tal-Hames Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta. Id-distributuri tal-halib jakkwistaw il-halib minghand il-Malta Dairy Products Limited u in segwitu huma jbieghu dak il-halib lid-dettaljaturi (*retailers*). In-negozju ezercitat minn distributur tal-halib ghalhekk huwa bejgh u l-qligh li jaghmel minn tali negozju jinvolvi profit ghalih ghalkemm internament mal-Malta Dairy Products Limited dana l-qligh gieli jissejjah bhala *commission earned*[11]. In verità anke kieku stess in-negozju ta' distributur tal-halib kellu jigi kklassifikat bhala li hu *on commission basis* dana xorta jkun ezenti bi kreditu skond l-Partita 5 tat-Taqsima I tal-Hames Skeda tal-

[11] Vide e-mail ta' Martin Grech datata 23 ta' Frar 2010, annessa mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta[12]. Fid-denunzji tat-taxxa tieghu[13] r-Rikorrent *ex admissis* dejjem – jew ghall-inqas bejn l-1995 u l-2008 – mela l-kaxxa bin-numru 20 taht *domestic supplies & exports* bil-kliem *all sales issued annually by M.D.P.* minflok bil-figura tal-bejgh effettwat *u* id-Dipartiment dejjem ghadda biex jindika fis-sistema interna tieghu u konsegwentement jikkonsidra li r-Rikorrent kien qed jiddikjara l-bejgh bhala *nil*. Fl-2009[14] id-Dipartiment baghat ghar-Rikorrent biex jinvestiga ghalfejn huwa kien qed jiddikjara l-bejgh bhala *nil*[15]. Ir-Rikorrent ipprovda d-dokumenti kollha minnu mitluba mid-Dipartiment u spjega li huwa kien ghamel zball genwin meta minflok il-figura tal-bejgh kien dahhal il-kliem *all sales issued annually by M.D.P.* L-Ispetturi tal-VAT li kienu qed ihejju il-*Credit Control* fil-konfront tieghu kkonkludew jew ahjar irrakomandaw illi *input vat claimed is justified and correct, however TT39s should be raised to adjust the purchases and sales figures to read as declared at Reds 36a-b*[16]. Peress illi l-valur tal-bejgh gie korrett mid-Dipartiment minn *nil* ghall-figura tal-bejgh effettwat, ghall-perijodu bejn l-1 ta' Novembru 2004 sa' 2008 giet imposta fuq ir-Rikorrent penali amministrattiva komplessivament ammontanti ghal €900[17], liema ammont in segwitu tnaqqas mill-Kummissarju mill-ammont ta' *refunds* dovuti lir-Rikorrent.

Id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) jishaq fuq il-fatt li r-Rikorrent naqas milli jiddikjara fid-denunzji tat-taxxa tieghu l-bejgh minnu maghmul u kien minhabba tali nuqqas li giet imposta fuqu l-penali amministrattiva mertu ta' dawn il-proceduri u huwa minhabba f'hekk li l-istess penali ma tistax tigi mahrufa kif mitlub mir-Rikorrent. Fil-

---

12 Vide rapport ta' Roderick Vella u Rachel Cordina taht l-intestatura Sales Analysis, anness mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

13 Dok. "CG2" a fol. 28A tal-process, ftit mid-denunzji tat-taxxa tar-Rikorrent li jindikaw il-kliem all sales issued annually by M.D.P.

14 Ittri datati 14 ta' Novembru 2009 u 28 ta' Novembru 2009 annessi mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

15 Vide rapport ta' Roderick Vella u Rachel Cordina taht l-intestatura Sales Analysis, anness mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

16 Vide rapport ta' Roderick Vella u Rachel Cordina taht l-intestatura Recommendations, anness mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

17 Xhieda Roderick Vella moghtija waqt is-seduta tal-21 ta' Marzu 2013, fol. 23 sa' 26 tal-process.

fehma tat-Tribunal però mill-fatti jirrizulta li l-kwistjoni ma hijiex daqshekk netta u limpida kontra r-Rikorrent daqskemm jippretendi d-Direttur Generali u dana billi dan il-kaz kjarament huwa kaz ta' **veru zball genwin** da parte tar-Rikorrent, ghal liema zball **qatt** ma ngibditlu l-attenzjoni da parte tad-Dipartiment hlief fl-2009 meta ghal xi raguni, li però ma hargitx mill-provi ghaliex ir-rapprezentanti tad-Dipartiment li tressqu mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) hargu bl-iskuzanti li ma jafux ghalfejn il-kaz inqala' biss fl-2009 u fi kwalunkwe kaz mhux kompitu taghhom li jkunu jafu, id-Dipartiment baghat ghar-Rikorrent biex jivverifika ghalfejn skontu l-istess Rikorrent kien qed jiddikjara l-bejgh tieghu bhala *nil* bil-konsegwenza li qatt qabel dak iz-zmien ir-Rikorrent ma seta' jikkorregi l-izball li ripetutament kien qed jaghmel, fakoltà del resto moghtija lilu bl-Artikolu 28 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, u b'hekk jevita l-imposizzjoni tal-penali amministrattiva effettivament imposta fuqu.

Ma hemmx dubju li r-Rikorrent ma kienx qed jimla d-denunzji tat-taxxa tieghu bil-mod korrett ghaliex bhala fatt fil-kaxxa bin-numru 20 fuq il-formola tad-denunzja tat-taxxa huwa kellu jnizzel il-figura tal-bejgh effettwat u mhux il-kliem *all sales issued annually by M.D.P.* izda, it-Tribunal iqis li ma huwiex komportament accettabbli u gust da parte tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud li meta denunzji tat-taxxa jkunu qed jigu *vetted* u mdahhla fis-sistema tad-Dipartiment, entrata bhal dik maghmula mir-Rikorrent fid-denunzji tat-taxxa tieghu ma tigix ivverifikata *a tempo vergine* mat-*taxpayer* u f'kaz ta' zball tingibidlu l-attenzjoni immedjatament ghal dan il-fatt biex ikun jista' jikkoregih, imma minflok id-Dipartiment jibqa' ghaddej qisu qatt ma kien xejn u fis-sistema interna tieghu ma jnizzel xejn daqs li kieku l-bejgh ma giex dikjarat mit-*taxpayer,* bil-konsegwenza li eventwalment u meta jidhirlu l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur mizjud, illum Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), jimponi penali amministrattiva fuq it-*taxpayer.*

Fil-fehma tat-Tribunal dan il-kaz jimmerita konsiderazzjoni ferm iktar ragjonevoli minn dik mekkanika u ghal kwantu superficjali applikata mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-

Valur Mizjud fil-konfront tar-Rikorrent u fermament jemmen li tissussisti skuza rajonevoli in bazi ghal liema l-penali amministrattiva ta' €900 imposta fuq ir-Rikorrent ghandha tigi mahfura. In effetti t-Tribunal huwa konvint li dan kien kaz ta' zball genwin da parte tar-Rikorrent u mhux kaz ta' *mala fede* fejn ir-Rikorrent volutament naqas milli jiddikjara l-bejgh maghmul. Din il-konvinzjoni hija msahha mill-fatt li l-Ispetturi tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud li kienu qed ihejju l-Credit Control fil-konfront tar-Rikorrent ikkonkludew li *input vat claimed is justified and correct* u mill-fatt li Roderick Vella fix-xhieda li ta waqt is-seduta tal-21 ta' Marzu 2013 iddikjara li l-unika haga li ghamel id-Dipartiment kienet li kkorega d-dettali tal-bejgh minn kif indikati mir-Rikorrent billi dahhal tali dettalji fil-VAT returns. It-Tribunal iqis li dan kollu facilment seta' jigi evitat kieku d-Dipartiment *a tempo debito* u mhux biss meta deherlu hu, gibed l-attenzjoni tar-Rikorrent ghall-izball li kellu fid-denunzji tat-taxxa tieghu u b'hekk ippermetta li r-Rikorrent jaghmel ir-rettifika necessarja mill-ewwel u mhux ihalli kollox gahddej bil-konsegwenza li esponih ghall-imposizzjoni ta' penali amministrattiva.

Fir-rigward ta' dan il-kaz it-Tribunal iqis li hu opportun li ssir referenza ghal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Avukat Lorraine Conti noe v. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, Rik. Nru. 47/11** deciza fl-24 ta' Frar 2012, stante li fil-fehma tieghu dak hemm osservat huwa ferm pertinenti ghall-kaz in ezami.

Il-Qorti ta' l-Appell qalet hekk: *ghar-rigward tal-penali, l-Artikolu 42 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta) – artikolu riprodott fid-decizjoni tal-Bord – jindika c-cirkostanzi li jistghu jwasslu ghat-tnaqqis fil-penali. Issa, f'kull kaz, id-decizjoni tinhafirx il-penali jew jinhafirx l-imghax, jew parti minnhom, hija deskrizzjonali ghall-Kummissarju u/jew il-Bord, u mhux kompetenza ta' din il-Qorti li tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-awtorita` vestita b'dik id-diskrezzjoni.* ***L-ezercizzju ta' diskrezzjoni, mhix, pero` wahda insindakabbli; hu implicitu u inerenti f'kull fakolta` diskrezzjonali moghtija lil xi awtorita` jew ufficjal***

***kompetenti, li dik id-diskrezzjoni <u>trid tigi ezercitata bil-mod indikat</u>, mod li trid il-ligi u l-ordinament guridiku***[18]. *Gia` fl-1981, Lord Halsburg, fil-kaz* **Sharp v. Wakefield** *kien osserva: "Discretion means when it is said that something is to be done within the discretion of the authorities that something is to be done according to the rules of reason and justice, not according to private opinion: … according to law, and not humour. It is to be, not arbitrary, vague and fairful, but legal and regular." Fl-1925, Lord Wrenbury fil-kaz* **Roberts v. Hopwood** *osserva: "A person in whom is vested a discretion must exercise his discretion upon reasonable grounds. A discretion does not empower a man to do what he likes merely because he is minded to do so – he must in the exercise of his discretion do not what he likes but what he ought. In other words, he must, by the case of his reason, ascertain and follow the course which reason directs. He must act reasonably."* ***Fid-dritt pubbliku, ma tezisti ebda diskrezzjoni li hi assoluta u libera minn kull skrutinju. Wiesa kemm hu wiesa l-poter moghti lil xi awtorita`, l-ezercizzju ta' dak il-poter huwa <u>dejjem</u> soggett ghall-kontroll mill-qrati***[19]. *Fil-fatt, Wade & Farsyth, fil-ktieb <u>"Administrative Law"</u> (Oxford Press, 7th Edit. 1994), jghidu, f'pagna 391 li "in a system based on the rule of law, unfettered governmental discretion is a contradiction in terms".* ***Id-diskrezzjoni, fuq kollox, trid tigi ezercitata ragjonevolment, li ma jidhirx li gie hekk ezercitat f'dan il-kaz***[20]. *… Din il-Qorti taghmel taghha d-decizjoni tal-Qorti Ewropea tal-Guztizzja fil-kaz* **Commission of the European Commities v. The Hellenia Republic**, *moghtija fis-16 ta' Dicembru, 1992, fejn intqal li trattandosi ta' "a technical infringement of a customs rule, the Greek customs authorities did not make a correct assessment of his intentions and that consequently the fine which they imposed on him was disproportionate". Hekk tara li hi s-sitwazzjoni f'dan il-kaz, u l-Kummissarju ghandu, ghalhekk, jirrevedi l-posizzjoni tieghu u jqis il-fatturi rilevanti kollha fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni tieghu.*

---

[18] Enfasi tat-Tribunal.
[19] Enfasi tat-Tribunal.
[20] Enfasi tat-Tribunal.

Fil-fehma tat-Tribunal l-agir tad-Dipartiment u konsegwentement tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fil-kaz in ezami ma kienx wiehed ragjonevoli u fic-cirkostanzi s-sanzjoni imposta fuq ir-Rikorrent kienet wahda ghal kollox sproporzjonata u ghaldaqstant isegwi li t-talba tar-Rikorrent ghall-mahfra tal-penali amministrattiva hija gustifikata u b'hekk tisthoqq li tigi milqugha.

In kwantu rigwarda t-talba ghar-refuzjoni jew ahjar *reversal* tas-somma ta' €900 li l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud naqqas mir-*refunds* dovuti lir-Rikorrent, jigi osservat li ghalkemm ai termini ta' l-Artikolu 68 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, illum Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), huwa fakoltizzat li jnaqqas minn ammont dovut lil *taxpayer* fost affarijiet ohra penali amministrattiva li tkungiet imposta fuq dak it-*taxpayer*, ladarba fil-kaz in ezami jirrizulta li l-penali amministrattiva ta' €900 imposta fuq ir-Rikorrent ghandha tigi mahfura necessarjament isegwi li t-tnaqqis ta' dak l-ammont effettwat mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud kontra r-Rikorrent ghandu issa jigi *reversed* a favur ta' l-istess Rikorrent.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi l-kaz billi jiddikjara li f'dan il-kaz tissussisti skuza ragjonevoli in bazi ghal liema l-penali amministrattiva fl-ammont ta' €900 imposta mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq ir-Rikorrent ghandha tigi mahfura, u li konsegwentement it-tnaqqis ta' l-ammont ta' €900 effettwat mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud mir-*refunds* dovuti lir-Rikorrent ghandu jigi *reversed* a favur l-istess Rikorrent, u konsegwentement ghalhekk jilqa' t-talbiet tar-Rikorrent kif minnu avvanzati fir-Rikorsipprezentat fis-27 ta' Settembru 2011,

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jibqghu a karigu tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud).

Ai termini ta' l-Artikolu 5(3) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jordna li kopja ta' din id-

decizjoni tigi notifikata lir-Rikorrent u lid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------